MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2006

Numru 591/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

Vs

Christopher Stone
James Mifsud
-omissis-

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Christopher Stone u James Mifsud detenturi ta' karta ta' identita' numru 108087(M) u 56888(M) rispettivament, akkuzati talli:

Ilkoll flimkien:-

Fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Mejju 2004, fi Triq l-Industrija Kirkop, kkommettew serq ta' vettura ta' l-ghamla Austin 1100 bin-numru tar-registrazzjoni GAA365, liema serq

huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-valur li ma jeccediex is-somma ta’ elf Lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ Christian Ellul;

Fil-lejl ta’ bejn it-12 u t-13 ta’ Mejju 2004, waqt li kienu n-Naxxar, ikkommettew serq ta’ oggetti u cioe’ ‘wind breakers’, minn go vettura ta’ l-ghamla Hyundai Pony, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ persuni mhux maghrufa;

Lil Christopher Stone wahdu talli:-

F’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn it-12 u t-13 ta’ Mejju 2004, saq il-vettura Austin 1100 bin-numru tar-registrazzjoni GAA365 minghajr licenzja tas-sewqan mahruga f’ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija u talli b’hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta’ dwar riskji ta’ terzi persuni bi ksur tal-Artikoli 15(1)(a)(3), 18(2) tal-Kapitolu 65 kif ukoll tal-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-ligijiet ta’ Malta;

Ilkoll flimkien talli:-

F’Malta, fit-12 ta’ Mejju 2004 u fil-jum ta’ wara din id-data, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlu biex jbieghuhom jew jmexxuhom, liema oggetti gejjin minn reati ta’ serq;

Semghet liz-zewg imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni huma insistew anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkonsidraw.

Semghet it-talba tal-ufficjal prosekutur ghas-separazzjoni tal-Gudizzju fil-konfront l-imputata Alexandra Briffa liema talba giet milquha.

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputati issibhom hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom li huma ristretti ghal serq u ksur tal-provedimenti tal-Kap 104.

Ikkonsidrat li l-imputati kienu minorenni fil-waqt li ikkommettew ir-reati li taghhom huma akkuzati.

Rat l-Artikolu 261(b)(e)(c)(g), 264, 269, 267, 278, 279, 280, 17 u 37 tal-Kap 9, l-Artikolu 15(1)(a)(3) u 18(2) tal-Kap 65, ukoll l-Artikolu 3(1) tal-Kap 104.

Tikkundannahom billi kontra l-imputat Christopher Stone tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal tlett snin u multa ta' Lm25; fir-rigward l-imputat James Mifsud tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor zmien sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------